**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Ottubru, 2020**

**Mandat Nru: 1299/2020/1 AF**

**WasteServe Malta Limited (C-30560)**

**vs**

**Union Haddiema Maghqudin**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' WasteServe Malta Limited li permezz tieghu din il-Qorti ntalbet izzomm lil Union Haddiema Maghqudin milli jkomplu bl-azzjonijiet industrijali ordnati minnhom.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-riposta tal-Union Haddiema Maghqudin – Voice of the Workers.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fi-kuntest. Qieset illi s-socjetà rikorrenti ssejjes it-talba taghha fuq il-jedd li ssostni li tgawdi li, f'kaz ta' tilwima industrijali, iridu jigu bilfors segwiti l-proceduri kollha kif miftiehma fil-"*collective agreement*".

Jidher mad-daqqa t'ghajn, u l-Qorti sa dan il-livell tindaga fi proceduri bhal din tal-lum, illi l-Union intimata effettivament segwiet id-dettami tal-*collective agreement* vigenti. Dan jirrizulta mid-diversi komunikazzjonijiet li kopji taghhom gew esibiti in atti.

Lanqas ma l-Qorti ssib illi gie sodisfatt it-tieni rekwizit impost mill-ligi sabiex it-talba ta' WasteServe tkun tista' tintlaqa'. Ma jirrizultax lill-Qorti mad-daqqa t'ghajn li d-direttivi mahruga mill-Union intimati jistghu jirrekaw lil WasteServe xi pregudizzju sproporzjonat jew irrimedjabbli.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-25 ta' Settembru 2020 u tichad definittivament it-talba ta' WasteServe Malta Limited. Fic-cirkostanzi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF